MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2008

Appell Kriminali Numru. 24/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Peter Raniero Borg**
**Andrew Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Peter Raniero Borg u Andrew Borg talli:

(1) F’dawn il-Gzejjer fl-24 ta’ Lulju 2004 u fil-gimghat ta’ qabel b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, fil-hanut Underground fil-Hamrun u f’diversi hwienet ohra ta’ l-ahwa Borg, xjentement qeghdu fic-cirkolazzjoni, bieghu jew zammew ghandhom ghall-bejgh jew importaw ghall-hsieb ta’ kummerc, merkanzija

b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe` 75 par karkur tad-ditta NEXT;

(2) Fl-istess lok u cirkostanzi, ghal qligh jew bi skop ta' kummerc, stampaw, immanifatturaw, iddupplikaw jew mod iehor irriproducew jew ikkopjaw jew bieghu jew qassmu, jew mod iehor offrew ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha;

(3) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bil-ghan li jiehdu vantagg ghalihom infushom jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkagunaw telf lil xi persuna ohra u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju, bieghu jew krew, offrew jew esponew ghall-bejgh jew kiri jew qassmu oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu, sinjal identiku ghal, jew x'aktarx jithawwad ma trademark registrata.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imsemmijin Peter Raniero Borg u Andrew Borg ghall-hlas ta' l-ispejjez kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Jannar 2007 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmijin Peter Raniero Borg u Andrew Borg hatja u lliberathom izda stante li l-oggetti esebiti rrizultaw kontrafatti ordnat il-konfiska u distruzzjoni taghhom skond l-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fil-31 ta' Jannar, 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-senteza appellata u minflok issib lill-imsemmijin Peter Raniero Borg u Andrew Borg hatja ta' l-

imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant Avukat Generali huma fis-sens illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament irragjonevoli tal-provi u enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi.

L-appellant jghid illi l-assjem ta’ fatti kif rakkontat minn wiehed mill-appellati jinghata x’jifhem illi hu u huh gew ingannati minn rapprezentant Taljan b’mod li ma kienx minghalihom li kienu qeghdin jixtru prodotti foloz. Jghid li l-ewwel Qorti ipotizzat il-possibilita` ta’ sejbien ta’ htija taht l-artikoli 298(1)(f) u 298B tal-Kap. 9. L-artikolu 298(1)(f) pero` hu kwalifikat bl-artikolu 302 li johloq presunzjoni *juris tantum* kontra l-akkuzat fis-sens li f’kull akkuza imputata lilu taht l-artikolu 298(1)(f) huwa jitqies li jkun qed jagixxi dolozament sakemm ma jippruvax xort’ohra. Jinkombi fuq l-akkuzat li jressaq provi konvincenti li l-elementi kollha mehtiega taht l-artikolu 302 jezistu biex jinnewtralizzaw din il-presunzjoni *juris tantum* kontra tieghu. It-tliet elementi msemmija fl-artikolu 302 iridu jigu ppruvati kumulattivament u, skond l-appellant, f’dan il-kaz dan ir-rekwizit ma giex sodisfatt.

L-appellant isostni li l-kooperazzjoni li l-imputati taw lill-Pulizija mhix bizzejjed ghax min ibiegh jew jimporta ghandu jaghmel hekk wara li jkun ha l-prekawzjonijiet kollha mehtiega biex ma tiksirx id-disposizzjoni tal-ligi in materja kif ukoll li ma jkollux ragun jahseb illi l-marka jew sinjal ma kinux veri. Skond l-appellant, l-appellati ma gabux provi li hadu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega u ma jistghux jistriehu fuq ir-rapporti kummercjali passati bhala garanzija ghall-futur. Il-ligi trid prekawzjoni attiva u mhux prezunzjoni passiva, jghid l-appellant. L-appellati ma ghamlux indagini biex jaraw li l-prodotti kienu verament

tan-"Next". L-azzjoni taghhom kellha tittiehed mhux meta nqabdu izda fil-mument li kienu ser jixtru l-prodotti.

Kwantu ghall-artikolu 298B tal-Kap. 9, l-appellant isostni li l-elementi ta' dan ir-reat jissussistu wkoll.

L-artikolu 302 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

**" Fil-kazijiet imsemmijin fl-artikolu 298(1)(f), jitqies li l-akkuzat mexa dolozament, kemm-il darba ma jippruvax –**

**(a) illi, wara li ha l-prekawzjonijiet kollha mehtiega sabiex ma jiksirx id-disposizzjoni tal-paragrafu hawn fuq imsemmi, hu ma kellux, fiz-zmien li ghamel id-delitt li fuqu jkun akkuzat, ragun jahseb illi l-marka jew sinjal ma kinux veri; u**
**(b) illi, meta gie mistoqsi minn membru tal-Pulizija, huwa ta t-taghrif kollu li seta' jaghti dwar il-persuni li minn ghandhom gibe gibe dik il-merkanzija; u**
**(c) illi mill-bqija huwa mexa bla hazen."**

Dan l-appell jirrigwarda principalment l-ewwel element imsemmi fil-paragrafu (a) ta' l-artikolu 302 imsemmi, cioe` jekk l-appellati hadux "il-prekawzjonijiet kollha mehtiega" li wasslu biex ma jkollhomx ragun jahsbu li l-marka jew sinjal fuq il-krakar in kwistjoni ma kinux veri.

Minn ezami tal-provi ma jistax jinghad illi l-appellati ma hadux prekawzjonijiet. Huma akkwistaw il-krakar in kwistjoni tramite sors lecitu. Akkwistawhom tramite agent li kienu ilhom jinnegozjaw mieghu ghal seba' snin. Qabel ma ghamlu l-ordni jidher li l-appellat Andrew Borg gie muri kampjonarju u ghazel fuq dak li ra. Inoltre importaw il-krakar f'Malta b'mod regolari b'fattura li kienet tindika l-isem tad-ditta, it-tip ta' krakar u bil-prezzijiet kollha dikjarati. Tant ma kienx ovvju ghalihom li kienu foloz li sahansitra esebewhom fil-vetrini tal-hwienet taghhom. L-appellant jippretendi li l-appellati kellhom ukoll jaghmlu indagini ulterjuri biex jaraw kif ikunu l-krakar tad-ditta Next

u jaraw jekk humiex verament prodotti genwini. Din il-Qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi attwali, fejn l-appellati kienu ilhom seba' snin jinnegozjaw ma' l-istess persuna minghajr ebda problema, b'turnover annwali ta' eluf ta' pari ta' *footwear*, dik kienet tkun prekawzjoni ta' natura straordinarja tenut kont tal-fatt li ma kienx immedjatament ovvju ghall-appellati, li kienu ilhom bosta snin fin-negozju ta' *footwear*, li l-krakar kienu foloz. Jigifieri l-prekawzjonijiet li hadu kienu dawk ragjonevolment mistennija fic-cirkostanzi.

Ghalhekk l-ilment ta' l-appellant in kwantu jirrigwarda l-artikolu 298(1)(f) tal-Kap. 9 huwa respint.

Kwantu mbaghad ir-reat kontemplat fl-artikolu 298B tal-Kap. 9, stante li huwa nieqes ghal kollox l-element intenzjonali, l-ilment ta' l-appellant f'dar-rigward huwa wkoll michud.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------